MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Numru 1313/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**MARK ANTHONY CAMILLERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mark Anthony Camilleri, ta’ 20 sena bin Joseph u Mary Carmen nee’ Borg, imwieled Pieta’, nhar 27/08/85, residenti fil-fond numru 61, Flat 3, The Strand, Sliema, detentur tal-Karta ta’ l-Identita numru 438285M.

Gie akkuzat talli nhar l' 01 ta' Jannar, 2005, ghal habta tas-saghtejn u nofs ta filghodu (0230hrs), gewwa Triq Pinto, Floriana,

a) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Matthew Pisani f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, fuq il-persuna jew igibilha disordni f'mohhha wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall- esekuzzjoni tad-delitt, xejjer diversi daqqiet ta' ponn lejn il-partijiet vitali tal-gisem ta' l-imsemmi Matthew Pisani,

b) Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkometta offizi gravi fuq il-persuni ta' l-imsemmija Matthew Pisani liema offizi igibu mankament jew sfregju fil-wicc u fl-ghonq;

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.
Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok JG2 u nnutat li l-imputat Mark Anthony Camilleri m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur James Grech ghall-Prosekuzzjoni, inter alia, iddikjara li l-akkuza a) migjuba kontra l-imputat inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-akkuza b) migjuba kontra l-imputat u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija akkuza a) migjuba kontra l-imputat.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur James Grech ghall-Prosekuzzjoni u Dr Michael Sciriha ghall-imputat iddikjaraw li jaqblu li l-akkuza b) migjuba kontra l-imputat tinkwadra ruhha fl-artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u li l-incident mertu ta' din il-kawza sehh waqt rissa. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekuttur l-Ispettur James Grech ghall-

Prosekuzzjoni u Dr Michael Sciriha ghall-imputat iddikjaraw li jaqblu li l-incident mertu ta’ din il-kawza sehh meta l-imputat kien ta’ eta’ tenera u ma kellux l-impieg li ghandu llum.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuza b) migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta’ l-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza b) migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Mark Anthony Camilleri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza b) migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-imputat, tillibera lill-istess imputat Mark Anthony Camilleri taht il- Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Inkwantu ghall-akkuza a) migjuba kontra l-imputat, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur James Grech ghall-Prosekuzzjoni kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija akkuza a) migjuba kontra l-imputat.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Mark Anthony Camilleri b’obbligazzjoni personali ta’ elf Euro (Euro 1000) li jzomm il-kwiet ma’ Matthew Pisani ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Mark Anthony Camilleri l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22 (3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------